ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 67/11**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: L-Erbgħa, 13 ta' April 2011**

**Ħin: Fit-8.30 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Chev. Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva**
- **Is-Sur Carmelo Grima – Assistent Segretarju Eżekuttiv.**

Iċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba kienet skużata.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 66/11 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

L-Assistent Segretarju ikkonferma li ċ-Chairperson kienet skużata. Ittieħdet nota ta' dan fil-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. KORRISPONDENZA

**Applikazzjoni għal permess tal-Kunsill Lokali**

| | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| Kumitat ta' Puttinu Cares<br>Għal attivita' tas-sajd<br>nhar il-15 ta' Mejju 2011 fil-Qbajjar. | Approvata. |
| Applikazzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta għal meter tad-dawl temporanju ta' Rita Cini<br>(kjosk fix-Xwejni – sajf 2011). | Approvata. |

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Ittra mibgħuta mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex dwar il-ħruġ ta' sett kartolini bl-armi tal-lokalitajiet. Il-Kunsill qabel li joħroġ is-sehem tiegħu; spiża ta' €65.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

**Dawn il-pagamenti ġew approvata:**

| | |
|---|---|
| Parteċipazzjoni fl-attivita' tal-Karnival 2011<br>(Gozo Friends Line Dancers) | €100.00 |
| Parteċipazzjoni fl-attivita' tal-Karnival 2011<br>(Marisa D' Amato) | €200.00 |
| Servizz mill-kor – quddiesa fl-okkażjoni ta' Jum iż-Żebbuġ 2010<br>u konsum tad-dawl – siġra tal-Milied<br>(Knisja San Pawl Marsalforn) | €200.00 |
| Stampar - *poster* Ilwien ir-Rebbiegħa<br>(BCD Graphics Ltd) | €134.03 |
| Servizzi ta' ġarr ta' flus – Marzu 2011<br>(Group 4S Security Services Ltd) | €30.44 |
| Skema ta' assikurazzjoni għas-sena 2011(Compass Group Ltd) | €1,089.81 |
| Żebgħa għal Marsalforn (Rapa Showrooms Co Ltd) | €127.15 |
| Ċertifikat mediku għall-Qorti – rimbors lis-Sindku<br>(Carmelo Saliba)<br>Is-Sindku astjena minn dan il-kont. | €40.00 |
| Reġistrazzjoni tas-Sindku fil-laqgħa tas-Sindki 21 & 22 /01/ 2011<br>(Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali) | €85.00 |

| | |
|---|---|
| Servizz tal-*Wide Area Connectivity* – April - Ġunju 2011 (MITA) | €416.85 |
| Tindif u żamma tal-*playing field* u l-*promenade* tal-Qbajjar – Marzu 2011 (Anthony Borg) | €282.53 |
| Tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ – Frar & Marzu 2011 (Nancy Cefai) | €294.98 |
| Stampar tal-fuljett nru. 05/2011 (B.C.D. Graphics Ltd) | €391.33 |
| Ġbir ta' *bulky refuse* u tindif u żamma tal-latrini ta' Marsalforn – Marzu 2011 (Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika) | €584.58 |
| Konsum u kera tal-arloġġi tad-dawl u tal-ilma 23/12/10 – 21/02/2011 latrina pubblika taż-Żebbuġ (ARMS Ltd) | €64.73 |
| Tindif tal-uffiċini tal-Kunsill – Frar & Marzu 2011 (Salvina Bajada) | €90.87 |
| Żewġ vieġi ġebel (Louis Attard) | €22.18 |
| PA System – attivita' tal-Karnival 2011 (Power Sound) | €531.00 |
| Dwal – attivita' tal-Karnival 2011 (Power Sound) | €289.10 |
| Konsum tal-elettriku – attivita' tal-Karnival 2011 (Power Sound) | €130.00 |
| Servizz mill-MITA 25/02/2011 (MITA) | €37.52 |
| Ġbir ta' l-iskart domestiku u tbattil u tindif ta' l-i*skips* – Frar 2011 (Louis Attard) | €3,663.73 |
| Ġbir ta' l-iskart domestiku u tbattil u tindif ta' l-i*skips* – Marzu 2011 (Louis Attard) | €4,071.94 |
| Parteċipazzjoni fl-attivita' tal-Karnival 2011 (Jennifer Attard) | €85.00 |
| *Contracts Manager fee* – 11-12/2010 & 01/2011 (Fortunato Mifsud) | €244.95 |
| *E-mail accounts* tal-Kunsilliera 10-12/2010 | €19.92 |
| *Monitor – front office* u linka għall-*printer* (Raymond Grech) | €184.00 |
| Tifkira (Joseph Meilak) | €40.00 |
| *Fuel* (Carmelo Camilleri) | €25.00 |
| Konsum u kera tal-linja tat-telefon (GO) | €136.74 |
| *Contract Manager fee* – Marzu 2011 (Galea Curmi Engineering Consultants) | €95.93 |
| Tindif u manutenzjoni tas-*soft areas* April – Diċembru 2010 (Dipartiment tal-Agrikoltura) | €918.09 |
| Parteċipazzjoni fl-attivita' tal-Karnival 2011 (Marita Caruana) | €150.00 |
| *Tipping fees* – Frar 2011 (WasteServ Malta Ltd) | €1,017.87 |
| Tiswija ta' tabella fil-*promenade* tal-Qbajjar u tabella 'Two Way' (Raphael Refalo) | €359.90 |

| | |
|---|---|
| Preżentatur – attivita' tal-Karnival 2011 | |
| (Joe M. Attard) | €50.00 |
| Ġurija – kompetizzjonijiet tal-Karnival 2011 | |
| (George Pace) | €50.00 |
| Spejjeż tal-uffiċċju (Smart Office Supplies Ltd) | €144.74 |

## 6. SEJĦA GĦALL-OFFERTA

SERVIZZI TA' PERIT

Is-Sindku qal it-tlett Periti appuntata fuq il-Bord ingħataw żmien sal-31 ta' Marzu 2011 biex juru l-interess tagħhom.

L-Assistent Segretarju qal tweġiba mill-Periti dwar l-interess tagħhom ma waslitx. Il-Kunsillier Refalo staqsa jekk l-ittri li ntbagħtu lill-Periti ntbagħtux b' posta reġistrata. Qal għandu informazzjoni li dawn l-ittri ma waslux. L-Assistent Segretarju qal nistgħu nikkonfermaw dawn mat-tlett Periti jekk l-ittri waslux għandhom u l-interess tagħhom fuq il-Bord.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li hemm diversi applikazzjonijiet pendenti u li ser jagħlqu. Qal aktar ser intawwlu, aktar ser ikun ta' dannu għall-Kunsill.

Dwar il-ħatra tal-Bord, is-Sindku sostna deċiżjoni dwar l-għoti tal-offerta kien diġa ħa.

Inqraw l-*e-mails* li għaddew bejn id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Kunsill dwar l-offerta tal-Perit. L-Assistent Segretarju għarraf lill-Kamra li rnexxielu jagħmel kuntatt telefoniku (waqt li kienet għaddejja d-diskussjoni) mal-Perit Vella fejn ikkonferma li rċieva l-ittra tal-Kunsill u li tkellem ukoll mal-Perit Micallef. Qal il-Perit Vella nfurmah li kemm hu kif ukoll il-Perit Micallef ma kienux ser jaċċettaw li joqgħodu fuq il-Bord. Qal ma rnexxielux jagħmel kuntatt mal-Perit Agius.

Is-Sindku poġġa s-suġġett għad-diskussjoni. Is-Sur Saliba sostna li din il-materja għandha tiġi deċiża.

Il-Kunsillier Refalo qal ma jaqbilx mal-fatti ta' kif ġraw.

Is-Sindku ressaq għall-vot biex jintgħażel il-Perit.

Is-Sindku – favur l-offerta tal-Perit Scerri peress li Scerri qed jikkwota Tariffa K fl-offerta tiegħu u li allura skont l-Etika tal-Periti. Qal ukoll li Scerri għandu esperjenza fil-Kunsill.

Il-Kunsillier Debono – favur l-offerta tal-Perit Scerri minħabba l-esperjenza li għandu.

Astensjonijiet – id-Deputat Sindku u l-Kunsilliera Camilleri u Refalo.

Intgħażlet l-offerta tal-Perit Scerri b' żewġ voti favur u tlett astensjonijiet.

## 7. ILWIEN IR-REBBIEGĦA

Is-Sindku qal daħlulu lmenti minn kantanti li soltu kienu jipparteċipaw f' Ilwien ir-Rebbiegħa u peress li s-sena Ilwien ir-Rebbiegħa ser isir fuq jumejn, l-*items* tal-Ġimgħa ma stajniex ninkluduhom fi programm ta' jumejn.

Il-Kunsillier Refalo qal dejjem ingħatat preferenza lit-talent lokali.

## 8. XOGĦLIJIET FIL-LOKALITA'

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li kien avviċinah is-Segretarju Parlamentari Dr Said u talbu stima biex jinksew bit-tarmak parti minn Triq Daħlet ta' Merżuq (sa Villa Fiorita) u Triq Għajn Mhelhel (sal-ġebla tal-munġutar). Kien miftiehem li l-Perit jintalab joħroġ stima taż-żewġ toroq.

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li t-tarmak fi Triq taċ-Cnus u Triq tal-Konti ser isir bil-prezzijiet eżistenti tal-Kuntratt tat-tarmak.

Dwar it-talba tal-kuntrattur biex jirrivedi l-prezzijiet (tal-kuntratt tat-tarmak), ġie deċiż li niktbu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Il-Kunsill approva l-kisi bit-tarmak ta' Triq Ħabel it-Twil, sal-Mitħna u dan suġġett li l-Kunsill ma jispiċċax b' *deficit*.

## 9. AFFARIJIET OĦRA

Is-Sindku ppropona li fiċ-ċirkustanzi li jinsab fihom il-Kunsill, issir talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex issir estensjoni tal-impjieg tas-Sur Carmel Grima u dan jibqa' fil-kariga sakemm jgħaddu l-festi u ż-żmien extra li jagħmel il-Kunsill jitħallas siegħa b' siegħa.

Il-Kunsillier Camilleri qal hu ma jaqbilx li l-Kunsill ikollu Segretarju Eżekuttiv u Assistent Segretarju Eżekuttiv (piż żejjed għall-Kunsill).

Ġie deċiż li ssir talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-estensjoni tal-impjieg tas-Sur Carmel Grima.

Il-Kunsill approva xogħol ta' twittija (bil-materjal li hemm fit-triq) fit-triq mill-Ħofra tat-Torok il-ġewwa; jagħmel ix-xogħol Richard Axiaq.

## 10. AĠĠORNAMENT

Il-Kunsill Lokali aġġorna fil-11.00 ta' filgħodu għal nhar it-Tnejn, 2 ta' Mejju 2011 fl-10.00 ta' filgħodu.

Kav. Carmelo Saliba
Sindku

Diane Tagliaferro
Segretarja E\ekuttiva